



PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI TIEGĦEK

Din l-istqarrija ta' privatezza tiprovdni informazzjoni dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-data personali tiegħek

Operazzjoni ta' proċessar: Punt ta' aċċess uniku dwar il-finanzi tal-UE

Kontrollur tad-Data: Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, Unità C1 - Aċċess għal finanzjament (minn hawn 'il quddiem "DG GROW Unità C.1" jew il-"Kontrollur tad-Data")

Referenza tar-rekord: DPR-EC-00770

Werrej

1. Introduzzjoni
2. Għalfejn u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?
3. Fuq liema bażi(jiet) ġuridika/ġuridiċi nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?
4. X'*data* personali niġbru u nipproċessaw ulterjorment?
5. Għal kemm żmien inżommu d-*data* personali tiegħek?
6. Kif niproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?
7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?
8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?
9. Informazzjoni ta' kuntatt
10. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?

1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") hija impenjata li tiproteġi d-*data* personali tiegħek u li tirrispetta l-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor u tipproċessa aktar id-*data* personali skont ir-[Regolament \(UE\) 2018/1725](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001).

Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega għaliex nipproċessaw id-*data* personali tiegħek, il-mod kif niġbru u nittrattaw id-*data* personali kollha li tiġi pprovduta kif ukoll kif niżguraw il-protezzjoni tagħha, kif tintuża dik l-informazzjoni, u xi drittijiet għandek b'rabta mad-*data* personali tiegħek. Hija tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-*Data* responsabbli li tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek miegħu, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

L-informazzjoni rigward l-operazzjoni ta' proċessar "Punt ta' Aċċess uniku" imwettqa mill-Kontrollur tad-*Data* hi ppreżentata hawn taħt.

2. Għalfejn u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

Il-Kontrollur tad-*Data*, bl-appoġġ ta' kuntrattur estern jiġbor, juża u jippubblika l-informazzjoni ta' kuntatt korporattiva tiegħek, inkluża xi *data* personali, fuq is-sit web access2finance.eu bl-għan li jgħin lin-negozji jikkuntattjaw lill-intermedjarji finanzjarji tal-UE biex japplikaw għall-finanzjament appoġġjat mill-UE.

Dan is-sit web jista' jiġbor *data* personali permezz tal-cookies [https://europa.eu/youreurope/business/cookies/index_en.htm] abbażi tal-kunsens.

Id-*data* personali tiegħek mhix se tintuża biex jittieħdu deċiżjonijiet b'mod awtomatizzat, inkluż għat-tfassil ta' profili.

3. Fuq liema bażi(jiet) ġuridika/ġuridiċi nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

Nipproċessaw id-*data* personali tiegħek, peress li hi meħtieġa:

- għall-konformità ma' obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur (l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1725), b'mod partikolari l-Artikoli 63 u 154 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE (UE, Euratom) 2018/1046, li jirrikjedu li tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-azzjoni tal-Unjoni u tal-entitajiet fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni *jew*

- għax tajt il-kunsens għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek għall-pubblikazzjoni tad-dettalji ta' kuntatt, permezz ta' att affermativ ċar billi tiffirma formola ta' kunsens. Il-kunsens tiegħek għal dan/dawn l-iskop(ijiet) jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe ħin bil-miktub lil GROW-C1@ec.europa.eu.

4. X'*data* personali niġbru u nipproċessaw ulterjorment?

Sabiex iwettaq din l-operazzjoni ta' proċessar il-Kontrollur, bl-appoġġ ta' kuntrattur estern, jiġbor mis-sit web pubbliku tal-istituzzjoni tiegħek l-informazzjoni ta' kuntatt korporattiva tiegħek mal-logo tal-istituzzjoni tiegħek u jipproċessa l-kategoriji ta' *data* personali li ġejjin:

- l-indirizz tal-email u n-numru tat-telefown li f'xi każijiet jirreferu għal persuna fiżika personali.

5. Għal kemm żmien inżommu d-*data* personali tiegħek?

Il-Kontrollur tad-*Data* jżomm biss id-*data* personali tiegħek għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-iskop imsemmi hawn fuq. Għal kull waħda mill-kategoriji tad-*data* personali li tiġi pproċessata, dawn huma d-dettalji dwar iż-żamma:

L-informazzjoni ta' kuntatt tal-intermedjarji finanzjarji tiġi pproċessata mill-bidu sal-aħħar tad-disponibbiltà jew tal-perjodu ta' investiment tal-prodott finanzjarju appoġġjat mill-istrument finanzjarju tal-UE. Skont il-Lista ta' Żamma tal-Files tal-Kummissjoni SEC (2012) 713, il-perjodu taż-żamma tad-*data* għall-ġestjoni ċentralizzata indiretta ta' programmi, strumenti finanzjarji u proġetti pilota huwa ta' 10 snin. Madankollu, aħna se nagħgornaw jew inħassru d-*data* personali f'każ li din ma tibqax preċiża, b'mod partikolari jekk il-persuna ta' kuntatt tinbidel jew tirtira l-kunsens tagħha.

6. Kif niproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?

Id-*data* personali kollha fil-format elettroniku (id-dettalji ta' kuntatt tal-intermedjarji finanzjarji tal-UE) jinħażnu jew fis-servers tal-Kummissjoni Ewropea jew fil-files tad-*data* tal-kuntratturi tagħha. L-operazzjonijiet ta' proċessar kollha jitwettqu skont id-[Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE, Euratom\) 2017/46](#) tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea.

Il-kuntratturi tal-Kummissjoni huma marbutin bi klawsola kuntrattwali speċifika għal kwalunkwe operazzjoni ta' proċessar tad-*data* tiegħek f'isem il-Kummissjoni, u bl-obbligi ta' kunfidenzjalità li jirriżultaw mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* fl-Istati Membri tal-UE ([ir-Regolament tal-“GDPR” \(UE\) 2016/679](#)).

Sabiex ttiproteġi d-*data* personali tiegħek, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzattivi. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa biex jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju tat-telf ta' *data*, il-modifika ta' *data* jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju ppreżentat mill-ipproċessar u n-natura tad-*data* personali li qed tiġi pproċessata. Il-miżuri organizzattivi jinkludu r-restrizzjoni tal-aċċess għad-*data* personali għal persuni awtorizzati biss bi ħtieġa leġittima ta' tagħrif għall-finijiet ta' din l-operazzjoni ta' proċessar.

7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?

L-aċċess għad-*data* personali tiegħek huwa pprovdut lill-istaff tal-Kummissjoni responsabbli għat-tweqqif ta' din l-operazzjoni ta' proċessar u lill-istaff awtorizzat skont il-prinċipju tal-“ħtieġa ta' tagħrif”. Dan l-istaff jirrispetta ftehimiet statutorji, u fejn meħtieġ, ftehimiet addizzjonali ta' kunfidenzjalità.

L-aċċess għad-*data* personali se jiġi kondiviż ma' kuntrattur estern li jgħin lill-Kummissjoni Ewropea tiġbor, tuża u tippubblika l-informazzjoni personali tiegħek fis-sit web access2finance.eu.

Id-dettalji ta' kuntatt huma ppubblikati fuq is-sit web, jekk tagħti l-kunsens tiegħek, biex il-kumpaniji li japplikaw għal finanzjament appoġġjat mill-UE jkunu jistgħu jikkuntattjawk.

Cookies

Il-cookies huma files b'test qasir maħżunin fuq apparat tal-utent (bħal kompjuter, tablet jew telefown) minn sit web. Il-cookies jintużaw għall-funzjonament tekniku ta' sit web (cookies funzjonali) jew għall-ġbir ta' statistika (cookies analitiċi).

Il-cookies maħżunin mill-Kummissjoni għal dan l-iskop fuq l-apparat tiegħek huma koperti mill-politika tal-cookies tal-Kummissjoni, li ssibha hawnhekk: https://europa.eu/youreurope/business/cookies/index_en.htm.

Meta żżur is-sit web [www.access2finance.eu], se nżommu l-istorja tal-browser taż-żjara tiegħek għal mhux aktar minn 13-il xahar. Din l-informazzjoni mbagħad titħassar. L-operazzjonijiet ta' ġbir, aggregazzjoni u anonimizzazzjoni jitwettqu fiċ-ċentru tad-*data* tal-Kummissjoni Ewropea taħt miżuri ta' sigurtà adegwati.

Il-cookies jinħażnu minn Europa Analytics, is-servizz korporattiv li jkejjel l-effettività u l-effiċjenza tas-siti web tal-Kummissjoni Ewropea fuq EUROPA. Aktar informazzjoni hija disponibbli fir-Rekord tal-Ipproċessar DPR-EC-00685 (Europa Analytics).

Mhux strettament meħtieġ li tippermetti lil dawn il-cookies biex is-sit web ikun jista' jaħdem iżda jekk tagħmel dan, se jkollok esperjenza ta' bbrawżjar aħjar. Tista' tħassar jew timblokka dawn il-cookies, iżda jekk tagħmel dan xi aspetti ta' dan is-sit web jistgħu ma jaħdmux kif suppost.

L-informazzjoni relatata mal-cookies ma tintużax biex jiġu identifikati suġġetti tad-*data* personalment u d-*data* dwar it-tendenzi hija kompletament taħt il-kontroll tal-

Kummissjoni. Dawn il-cookies ma jintużaw għall-ebda skop ħlief għal dawk deskritti hawn.

Jekk tixtieq tagħżel li d-*data* personali tiegħek tiġi eskluża mill-istatistika aggregata u anonimizata tagħna, tista' tagħmel dan fuq il-paġna tal-cookies tagħna. B'mod partikolari, inti tista' tikkontrolla u/jew tħassar dawk il-cookies kif tixtieq.

Jekk jogħġbok innota li skont l-Artikolu 3(13) tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-awtoritajiet pubbliċi (eż. il-Qorti tal-Awdituri, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE) li jistgħu jirċievu *data* personali fil-qafas ta' inkjesta partikolari f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew tal-Istat Membru ma għandhomx jitqiesu bħala riċevituri. L-ipproċessar ulterjuri ta' dik id-*data* minn dawk l-awtoritajiet pubbliċi għandu jkun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* skont l-għanijiet tal-ipproċessar.

L-informazzjoni li niġbru mhu se tingħata lil ebda parti terza, ħlief sal-punt u għall-iskop li nistgħu nkunu meħtieġa li nagħmlu dan bil-liġi.

8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?

Inti għandek drittijiet speċifiċi bħala "suġġett tad-*data*" skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-25) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari d-dritt li taċċessa, tikkoreġi jew tħassar id-*data* personali tiegħek u d-dritt li tillimita l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek. Fejn applikabbli, għandek ukoll id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar jew id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.

Għandek id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li jitwettaq legalment skont l-Artikolu 5(1)(a), għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Inti tajt il-kunsens tiegħek li tipprovi d-*data* personali tiegħek lill-kontrollur tad-*data* għal din l-operazzjoni ta' proċessar. Inti tista' tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin billi tinnotifika lill-kontrollur tad-*data* bil-miktub fuq GROW-C1@ec.europa.eu. L-irtirar tal-kunsens mhux se jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar imwettaq qabel ma tkun irtirajt il-kunsens.

Inti tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-Kontrollur tad-*Data*, jew f'każ ta' kunflitt lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Jekk meħtieġ, tista' tindirizza wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom tinsab fl-Intestatura 9 hawn taħt.

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek fil-kuntest ta' operazzjoni ta' proċessar speċifika waħda jew aktar, fit-talba tiegħek ipprovi d-deskrizzjoni tagħhom (jiġifieri r-referenza/i tar-Rekord tagħhom kif speċifikat fl-Intestatura 10 hawn taħt).

Kull talba għal aċċess għad-*data* personali se tiġi ttrattata fi żmien xahar. Kull talba oħra msemmija hawn fuq se tiġi indirizzata fi żmien 15-il jum tax-xogħol.

9. Informazzjoni ta' kuntatt

- Il-Kontrollur tad-*Data*

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jew jekk għandek xi kummenti, mistoqsijiet jew tħassib, jew jekk tixtieq tressaq ilment rigward il-ġbir u l-użu tad-*data* personali tiegħek, ikkuntattja lill-Kontrollur tad-*Data*, il-Kummissjoni Ewropea – Unità C1 tad-DĠ GROW – Aċċess għal finanzjament - Email: GROW-C1@ec.europa.eu

- L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD) tal-Kummissjoni

F'każ ta' nuqqas ta' qbil mal-Kontrollur tad-Data, tista' tikkuntattja l-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data (DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu) dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-data personali tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)

Għandek id-dritt tirrikorri (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (edps@edps.europa.eu jew https://edps.europa.eu/data-protection/our-role-supervisor/complaints_en) jekk jidherlek li d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 ikunu nkisru minħabba l-ipproċessar tad-data personali mill-Kontrollur tad-Data.

10. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?

L-UPD tal-Kummissjoni jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-data personali mill-Kummissjoni, li jkunu ġew iddokumentati u nnotifikati lilu. Tista' taċċessa r-reġistru permezz ta' din il-link: <http://ec.europa.eu/dpo-register>.

Din l-operazzjoni ta' proċessar speċifika ġiet inkluzja fir-reġistru pubbliku tal-UPD bir-referenza tar-rekord li ġejja: DPR-EC-00770.